MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 728/2000

**Artikoli 18, 167, 169, 183, 184, 308, 309, 310, 334, 31, 17(b)(h), 261, 268, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Helga Debono**
**v**

**MELISSA MICALLEF**
**ALBERTA AMATO**

**Seduta ta' llum, 3 ta' Frar 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MELISSA MICALLEF** ta' dsatax il-sena, bint Anthony u Helen nee Sammut, imwielda Pieta nhar l-hmistax ta' Marzu, 1981 u toqghod Block 5A, Flat 8,

Misrah Lewza, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita numru 160781M u **ALBERTA AMATO** ta' hmistax il-sena bint Albert u Doreen nee Spiteri, imwielda Pieta nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu, 1985 u toqghod 'White Ivy', Triq il-Gladjoli, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita numru 434985M, gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Ottubru, 1999 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi;

1. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, nkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlu falsifikazzjoni ta' diversi firem fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta ta' Veekay Limited u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza.
2. Talli ffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Veekay Limited u ta' persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinja ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew mill-bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija.
3. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalfiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' hamsa w erbghin lira maltin ghad-detriment ta' Casual One, mija tlieta w hamsin lira maltin ghad-detriment ta' Carmel Enriquez, erbgha w tletin lira maltin ghad-detriment ta' G & R Limited bi hsara ghal Veekay Limited, Bank of Valletta, Casual One, Enriquez, G & R u persuni ohra.

4. Talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndahlu biex imexxuhom jew jbieghuhom.

Lil **MELISSA MICALLEF wahedha**:

a. Talli kkommettiet serq ta' cheque book tal-Bank of Valletta mahrug lil Veekay Limited u dan ghad-detriment ta' Bank of Valletta, Veekay u persuni ohra .

Lil **ALBERTA AMATO wahedha**:

b. Talli kisret l-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 ta' sentenza tal-Qorti moghtija fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu, 1999.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmeinja w ghoxrin ta' Frar, 2002 esibit fl-atti tal-process a fol 72.

Semghet lill-imputati jghidu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet liz-zewg imputati jammettu l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u dan fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Jannar, 2002 kif jirrizulta a fol 66 u darb'ohra fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, 2003, kif jirrizulta a fol 86 tal-atti, u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat il-fatti b'mod individwali fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi l-imputata Alberta Amato ghamlet tajjeb ghal nofs d-danni sofferti mill-vittmi bhala rizultat ta' dawn r-reati tant li fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Novembru, 2002, din l-imputata ghaddiet is-somma ta' mija u sittax il-lira maltin lil Ufficjal Prosekutur sabiex din s-somma tinghata lil vittmi bhala kumpens.

Illi l-imputata Alberta Amato kellha biss erbatax il-sena meta kkommettiet dan r-reat u ghalhekk ghandha tibbenefika fir-riduzzjoni tal-piena li sejra taghti din il-Qorti fil-konfront taghha skond l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti** rat li l-ammont involut f'dan il-kaz huwa wiehed *de minimis* u li l-imputata Alberta Amato kkolloborat bis-shih mal-Prosekuzzjoni u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi kif citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 73, **tiddeciedi li tpoggi lil imputata ALBERTA AMATO taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena mill-lum ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Probation Officer Carmen Borg.**

**L-imputata probationer ghandha tobdi l-ordnijiet moghtija lilha mill-Probation Officer Carmen Borg u ssegwi l-kundizzjonijiet lilha moghtija u l-Probation Officer Carmen Borg minn naha taghha ghandha tirrelata lura lil din il-Qorti darba kull sitt xhur dwar l-andament tal- imputata probationer.**

**Dwar l-imputata MELISSA MICALLEF, il-Qorti nnotat li ghalkemm ammettiet l-akkuzi w ikkoloborat mal-Prosekuzzjoni, m'ghamlitx tajjeb ghal nofs s-saldu tad-danni kagjonati b'dawn r-reati.**

**In oltre nnotat li l-imputata Melissa Micallef kellha timintax il-sena meta kkommettiet dawn r-reati u li kellha fedina penali relattivament nadifa salv ghal kontravenzjoni li sehhet fis-sena 1997.**

**Illi l-Qorti rat li l-ammont dovut huwa wiehed *de minimis* u ghaldaqstant wara li rat l-artikolu tal-ligi kif citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 kif jirrizulta a fol 72 tal-atti, tiddikjara li qed ssib lil imputata MELISSA MICALLEF hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u**

**tikkundannha ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Il-Qorti spjiegat lil imputati l-import ta' din s-sentenza b'mod partikolari lil imputata Melissa Micallef u x'jigri jekk jonqsu li josservawha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------